**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju 2025**

**<u>Rikors guramentat nru : 39/2025 AGV fl-ismijiet;</u>**

**MSC fil-**

**Kwalita' taghha bhala l-kuratrici ta'**

**Bintha l-minuri EJ**

**VS**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta' MSC**

**, fil- kwalita' taghha bhala l-kuratrici ta' bintha l-minuri E J**

Jesponi bir-rispett u bil-guament tieghu jikkonferma:_

1. Illi MS C hija mizzewga lil JC iema zwieg gie kuntrattat gewwa l-Filippini fil-21.04.2016 u min liema zwieg twieldu zewgt itfal;

2. Illi z-zwieg tkissier irremdjabbilment u koppja C isseparaw de facto fit-30.07.2021;

3. Illi sussegwntament MSC giet Malta u fis-27.02.2023 dahlet f`relazzjoni ma' VPB detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru u tnejn li huma huma residenti gewwa 376, Manor Court, Blk E F1, Triq it-Turisti San Pawl il-Bahar;

4. Illi frott din r-relazzjoni twieldu il-minuri rikorrenti EJ fl-04.11.2024 gewwa l-isptar Mater Dei Swatar Malta kopja ta' liema notifika tat-twelid qeghda tigi annessa u mmarkat bhala Dok A ;

5. ILLI dan it-twelid pero' ma setghux jigi registrat registru Pubbliku bil-kunjom tal-missier naturali u direttur jew l-ufficjal inkarigat minnu insista li l-intimata tigi registrat biss bil-kunjom tal-omm ossia C u minghajr il-paternita' tal-missier jidher fuq ic-certifikat ;

6. Illi l-minuri rikorrenti ghandha dritt li l-missier natural taghha jigi rapprezentat fuq ic-certifikat tat-twelid ;

7. Illi ll-minuri rikorrrenti flimkien ma' ommha MSC u missierha VP B gew **sottomessi ghal-ezami tad-DNA** li wassal ghar-rapport tal-analizi datat 11.11.2024 fejn gie ikkonfermat li VP B huwa l-missier propju naturali tar-rikorrenti il-minuri EJ kopja ta' liema rapport qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;

8. LLI minghajr pregudizzju u subordnamenti gas-suppost qed jigi rilevat li JC qatt ma kellu ebda kuntratt iehor mal-kurattrici minn mindu telqet mill-Filippini u ghaldaqstant ma kien hemm ebda forma ta' relazzjoni bejniethom ghal dak li jirrigwarda tlett mitt (300) gurnata qabel it-twelid tal-minuri rikorrenti.

9. Illi registrazzjoni ta' wild ghandu jirrispekka il-verita' tal-fatti kollha naxxenti mit-twelid ta' dak il-wild u ghalhekk id-direttur ma huwiex gustifikat jopponi tali azzjoni b`talba ghal hrug ta' certifikat tat-twelid fejn jidher l-isem tal-missier naturali ;

10. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qed tinterompi din l-azzjoni inter alia taht l-Art 244 245 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex id-direttur intimat jipprocedi bir-registrazzjoni tar-rikorrenti minuri EJ bil-kunjom SB bl-isem tal-missier VP B wara ordni minn dina l-Onorabbli Qorti

Ghaldaqstant prevja kwalissi dikjarazzjoni xierqa u opportuna u kif ukoll dawk il-provi kollha producibbli fl-istadju opportun tas-smigh tal-kawza jghid issa il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara id-dokumenti pprrezentati flimkien ma' dan ir-rikors bhala validi ghal fini tal-Art 244 Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentament

2. Tordna lid-DIrettur tar-registru Pubbliku sabiex jirregistra it-twelid tat- EJ SB li sehh gewwa l-isptar Mater Dei Malta nhar 04.11.2024 u ulterjorment jindika lill VPB bhala l-missier bl-isem tal-familja ikun Sacriz Bayada

**Rat ir- Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;**

L-Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur jesponi bil-qima u bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma:

1. Illi abbazi ta' dak eccepit fir-rikors promotur r-rikorrenti qeghda tishaq illi hija kienet zzewget gewwa L-Filippini lil certu J C nhar il-wiehed u ghoxrin t`April 2016 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt

itfal. Maghdud ma' dawn rikorrenti qed tishaq illi ilha separata de facto min ma' JC mit-tletin ta' Lulju 2021 sa llum;

2. Illi madankollu r-rikorrenti qed tishaq illi allegatament hija kellha relazzjoni ma' VPB li minnha twieldet il-minuri EJ n gewwa Malta nhar l-erbgha ta' Novembru 2024 liema twelid jidher li ghandu ma giex registrat geww Malta u ghaldaqstant qed titlob illi l-att tat-twelid tal-minuri jigi registrat ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili sabiex il-missier jidher bhala **VPB ;**

3. Illi preliminarjament filwaqt li rilevat li l-esponent Direttur tar-Regisrtu Pubbliku m'huwiex edott mill-fatti kif dikjarat mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha l-esponent qieghed jeccepixxi li kawza bhal din, li qed ssir registrazzjoni t' Att ta' Stat Civili ghandha ssir ai termini tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili mhux ai termini tal-artikolu 244 tal-Kodici Civili tant illi l-Artikolu 244 jirregola biss lic-cittadini Maltin mhux att tat-twelid ta' persuna li twieldu gewwa Malta in vista ta' dan l-esponent huwa tal-umli illi din il-kawza kellha tigi ntavolata quddiem il-forum kompetenti cioe il-prim Awla tal-Qorti Civili;

4. Illi in vista tal-fatt li ghal xi raguni mhux maghrufa l-allegat missier **VPB m**`huwiex parti mill-kawza odjerna minkejja l-fatt li talbiet tar-rikorrenti jittrataw il-paternita' tieghu fl-interess tal-gudizzju huwa ghandu jigi kjamat in kawza sabiex jithasar d-drittijiet tieghu;

5. Illi fl-interess tal-gudizzju t-testijiet genetici li saru ghandhom jigu mahlufa mill-espert li wettaqhom tant illi ghalhekk dawn gew prezentati mar-rikors promotur rizultat m`humiex mahlufin;

6. Fir-rigward tat-talbiet kif dedotti l-esponit qed joggezzjona stante illi kif gja ben spjegat l-Artikolu 244 tal-Kodici Civili ma jirregolawx ma jikwadrax r-registrazzjoni ta' persuni mwielda gewwa Malta.

7. Illi maghdud mal-premess u in vista tal-fatti illi l-omm cioe' r-rikorrenti ghandhaa marbuta biz-zwieg gewwa l-Filippini hija ghadha teghleb l-prezunzjonji ai termini tal-artikolu 67 tal-Kodici Civili illi t-tarbija hija wild il-konjugi sabiex wara tkun tista titlob li l-missier jigi ndikat bhala **VPB ;**

8. Illi sabiex tigi meghluba l-prezuzjoni jehtieg illi qabel r-registrazzjoni tat-twelid issir il-procedura quddiem il-Qorti ta' Revizjoni ta' Att Nutarili skond l-artikolu 280 tal-Kodici Civili u sussegwentament il-missier naturali tal-minuri jigi ndikat bhala l-genitur jekk dejjem jirrokonoxxi t-tarbija quddiem Registru Pubbliku. Jinghad ukoll illi sussegwentament il-prezunzjoni ma tkunx meghluba il-minuri jkollu tigi registrat fuq il-missier prezunt minhabba l-fatt li kien hemm rabta konjugali bejn l-omm u l-missier u jkun biss wara dan li tkun tista' ssir kawza ta' denegata' paternita' mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Civili sezzjoni Familja sabiex jigi stabbilit min hu l-missier naturali tal-minuri;

9. Illi ghanda ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza tant illi n-numru tal-karta tal-identita' ndikata cioe (KI 272842A) Jappartjeni il-permess ta' residenza tar- rikorrenti u mhux il-minuri ghal fini ta' kjarezza dan ghandu jigi korrett mir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12;

10. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit l-esponenti jissottometti fl kwalunkwe kaz l**-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwilbbli ghal xi ghemil jew nuqqas tal-esponent u ghalhekk huwa m`ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza**

11. Salv eccezzjonijit ulterjuri kif u meta permessi skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qed tigi ngunta in subizzjoni.

Rat l-atti tar-rikors 132/24 AGV;

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-kawza odjerna hija kwazi identika ghal kollox ghal kawza ohra illi l-Qorti kellha quddiemha deciza in parte illum, Rik 132/24, fejn il-konvenut Direttur Registru Pubbliku issolleva eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), bhal ma ghamel ukoll fil-kawza odjerna.

Il-kompetenza *ratione materiae* tal-Qorti tal-Familja hija determinata mir-Regolament 4(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.19, fost regolamenti ohra, liema dispożizzjoni tipprovdi illi l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghandha tisma' kawżi li ghandhom x'jaqsmu ma' Titolu I, II u IV tal-Kap

16. It-talba tal-attrici fil-kawza odjerna hija msejsa fuq l-Artikolu 244 tal-istess Kap 16, liema Artikolu jinsab taht it-Titolu VIII, u ghalhekk zgur mhux ta' kompetenza ta' din il-Qorti.

Fir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku, inoltre, qed jiġi indikat illi l-azzjoni attriċi kellha ssir ai termini tal-Artikolu 253(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u mhux taht l-Artikolu 244 tal-istess Kap. Ghalhekk id-Direttur eccepixxa li l-kawza odjerna kellha tiġi intavolata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, u mhux quddiem din il-Qorti.

Illi ma tantx hemm x'wiehed jiddibatti f'dan ir-rigward. L-Artikolu invokat mill-attrici, kif ukoll dak indikat mid-Direttur, it-tnejn ma jaqghux taht ebda wiehed mit-Titoli ta' liġi kif ipprovdut fir-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.19. Din il-Qorti ghalhekk m'ghandha ebda kompetenza *ratione materiae* biex tisma' din il-kawza, anzi tkun qed tirrazenta n-nullita' ta' dawn il-proceduri jekk tkompli tisma' l-kawza, haġa li zgur tkun ta' detriment ghall-attrici. Ma hemm ebda provvediment illi jista' jissana dan in-nuqqas hlief li din il-kawza tinstema' minn qorti ohra.

Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-eccezzjoni tad-Direttur u tibghat l-atti lill-Prim Awla ghat-tkomplija tal-kawza skond il-ligi.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

Tilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Direttur Registru Pubbliku.

Tiddikjara l-inkompetenza taghha *ratione materiae.*

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din il-kawza.

Tibghat l-atti lir-Registratur sabiex tkompli tinstema’ mill-Prim Awla skond il-ligi.

L-ispejjez ghandhom jiġu sopportati mill-attrici.

**Antonio G Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**